**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 28**

**L-ERBGHA 13 TA' NOVEMBRU FIL-5.00PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU – 5.45PM |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier M. Fava kien skuzat minhabba ragunijiet ta' mard u l-Kunsillier R. Rossignaud kien skuzat minhabba ragunijiet ta' xoghol u safar.

**IS-SINDKU QAL IT-TALBA**

## I APPROVAZZJOI TAL-MINUTI

1. Il-Minuti tas-Seduta Nru.26 u Seduta Nru.27 gew approvati. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier C. Said issekondat.

Ghal din il-laqgha kienu prezenti wkoll l-Accountants tal-Kunsill – Mazars Consulting Ltd.

## II APPROVAZZJONI TAL - QUARTERLY REPORT

1. Is-Segretarju Ezekuttiv iccirkula permezz ta' email lill-kunsillieri kollha r-rapport finanzjarji ghall-perjodu bejn Lulju u Settembru 2013.

   Il-Kunsillier P. Fenech ippropona sosspenzjoni tal-laqgha sabiex l-Accountant jispjega fid-dettal dan ir-rapport finanzjajrju. Il-Kunsillier C. Said issekondat. Il-hin kien il-5.15pm.

   L-Accountant spjega fid-dettal ix-xoghol li sar sabiex dan ir-rapport jkun kemm jista' jkun ezatt u jsir fil-hin stipulat. Huwa spejga fid-dettal kull nefqa u fond li hemm mnizzel u informa li l-Kunsill ghandu bilanc posittiv ta' €525,461.00. Il-laqgha regghet bdiet fil-5.30pm.

   Il-Kunsill qabel u ghaldaqtant dan ir-rapport gie approvat.
   Is-Sindku ppropona fil-waqt li l-Kunsillier A.Cumri ssekonda.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is- Sindku pprezenta rapport idettaljat tal-hidma tieghu. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti App. A.

**HUGH ZAMMIT** — **SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT** — **SINDKU**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier P. Fenech

1. Il-Kunsillieripprezentati rapporti dwar il-kampanja Swieqi Go Green. Huwa spejga fid-dettal dwar dan ir-rapport kif ukoll rikjesti sabiex din il-kampanja tibqa' ghaddejja u thalli rizultat pozittiv. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti App. B.01

2. Huwa pprezenta rapport iehor dwar kif qed jipproponi li ghandu jsir it-trasferiment tal-Kunsill fil-bini l-gdid ta' Centru Civiku. Wara diskuzzjoni, gie deciz li dwar din il-materja ghandha ssir laqgha bejn il-Kunsillieri kollha sabiex jigi assigurat li l-process ta' trasferiment jkun wiehed professjonali. Rapport Aness – App.B.02

3. Il-Kunsillier pprezenta rapport idettaljat ta' kif ghandha tigi ddentifika l-persuna li imbaghad tigi onorata b' Gieh is-Swieqi. Wara diskuzzjoni dwar din lk-attivita' gie deciz illi dan ir-rapport ghandu jkun mudell ta' kif ghandha tintghazel din il-persuna.

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier pprezenta lista ta' xoghlijiet li ghadhom pendenti. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hafna mix-xoghlijiet msemmija gew inuttati u ghaldaqstant se jibdew ix-xoghlijiet fuqhom. Din il-lista se tkun anessa ma' dawn il-Minuti – App. C.

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV

1. Sejha ghall-kwotazzjonijiet ta' Assigurazzjoni Ref – SLC/Q/04/2013

   Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li ghal din is-sejha kien hemm zewg offerti li huma mnizzlin hawn taht.

| | | |
|---|---|---|
| **1** | **Allcare Insurance Brokers** | **€1896.49** |
| | | |
| **2** | **Mediterranean Insurance Brokers** | **€1632.90** |

Wara diskuzzjoni, il-Kunsill idecieda li skond ir-rakomandazzjoni tar-rapport ta' l-aggudikazzjoni jaghzel il-Kumpanja ezistenti MIB peress li hija l-aktar wahda irhisa u ghandha rikjesti kollha mitluba.Il- Kunsill ilu assigurat ma' din il-kumpanija ghal dawn l-ahhar 3 snin u qatt ma kellna problemi. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier M.Abela ssekondat. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

.

HUGH ZAMMIT — NOEL MUSCAT
SEGRETARJU EŻEKUTTIV — SINDKU

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV – ikompli

Il-Kunsillier M. Abela talbet biex tkun skuzata. Il-hin kien 6.45pm

2. Sejha ghall-kwotazzjonijiet ta' Dawl Dekorattiv tal-Milied Ref- SLC/Q/05/2013

   Is-Segretarju Ezekuttiv informa li ghal din is-sejha, il-Kunsill ircieva offerta wahda dik ta' Sur Noel Borg li tammonta ghal € 4,600.00. Wara diskuzzjoni, is-Sindku ppropona li ghandu jintghazel Sur Noel Borg peress li hija l-unika offerta u l-istess kuntrattur hadem ma' dan il-Kunsill fil-passat u dejjem hadem b'mod professjonali. Il-Kunsillier C. Said issekondat. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3. Sejha ghall-offerti ghall-vettura kummercjali – Ref - SLC/T/04/2013

   Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li ghal din is-sejha, il-Kunsill ircieva offerta wahda dik ta' Central Garage Ltd li tammonta ghal €455 kull xahar. Wara diskuzzjoni, gie deciz b' mod unanimu li tinghazel l-offerta' ta' Central Garage Ltd. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier A. Chetcuti ssekonda.

4. L-Ambaxxatur tal-kampanja VOT 16

   Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li peress li fl-ahhar laqgha li saret b'urgenza nhar il-Gimgha 8 ta' Novembru 2013, xi kunsillieri ma kienux prezenti minhabba xoghol, mard u safar u ghaldaqstant ma kienx hemm qourum; pero' dawk prezenti kif ukoll Kunsillier ohra li ma kienitx qablu li l-persuna maghzula ghandha tkun is-Sur T.Cassar. Ghaldaqstant is-Segretarju Ezekuttiv talab sabiex din in-nomina tigi kkonfermata f'din il-laqgha. Kien hemm qbil unanimu dwar din il-persuna. Is-Sindku ppropona u l-Vici Sindku ssekonda. Is-Segretarju Ezekuttiv gie nfurmat mis-Sur C Galea ( DLG) li minhabba li kien hemm xi kunsilli li ghad ma elegawx ambaxxatur ghaz-zghzagh, din l-iskema giet estiza sa l-20 ta' Novembru 2013.

## VI APPROVAZZJONI TA PAGAMENTI U XIRI IEHOR

1. Giet pprezentata l-lista ta' pagamenti nru.66 li ntbaghtet li kull kunsillier permezz ta' *email* minn qabel. Wara li saru xi aggustamenti skond l-*email* tal-Kunsillier A. Curmi ( App.D) ; kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti biex dawn jigu approvati.

Il-Laqgha spiccat fis-8pm u sar aggornamet ghal nhar l-Erbgha 27 ta' Novembru 2013 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| **HUGH ZAMMIT** | **NOEL MUSCAT** |
| **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** | **SINDKU** |

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**